**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Jannar 2020**

**Talba Nru: 362/19 CZ**

**Cons (Trading) Limited (C 8995)**

**vs.**

**Flower Sales Limited (C 8914)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-15 ta' Novembru 2019 fejn premettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' esponenti fis-somma ta' elf u mija u hamsa w disghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€1,195.41) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija provduta u mibjugha mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' konvenuta fuq bazi ta' konsenja fuq ordni maghmula mis-socjeta' konvenuta hekk kif ser jirrizulta waqt is-siegh u trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tas-socjeta' esponenti permezz ta' korrispondenza u permezz tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Settembru 2017 [sic] bin-numru 1901/2019 (hawn annessa u mmarkata Dok. A) is-socjeta' konvenuta

baqghet inadempjenti u ghalhekk din il-procedura kellha tigi istitwita quddiem dan it-Tribunal;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta' attrici titlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf u mija u hamsa w disghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€1,195.41) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija provduta u mibjugha mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' konvenuta fuq bazi ta' konsenja fuq ordni maghmula mis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficcjali datata 16 ta' Settembru 2017 [sic] bin-numru 1901/2019 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli skond it-termini u l-kundizzjonijiet ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u mija u hamsa w disghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€1,195.41) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur